# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.4

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.4: Meta u kif għandna nitolbu?**

**L-Għanijiet:**




Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:

1. Jitgħallmu meta għandhom jitolbu.
2. jifhmu li jistgħu jitkellmu ma' Ġesú f'kull ħin u f'kull sitwazzjoni.
3. Jifhmu kif għandhom jitolbu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video minn You Tube - http://www.youtube.com/watch?v=XIxaXGsrK9k

jew bħala ktieb minn -




http://www.childrensbooks.uk.com/wp-content/uploads/2009/09/web-talk-to-God.pdf

- Power Point Presentation għal matul l-istorja.

- karta żgħira għal talba personali

Il-Poeżija 'Grazzi' minn you tube:
http://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M

## Naqsmu flimkien – L-ntroduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Ibda l-lezzjoni billi  tistaqsi lit-tfal huma meta jitolbu. Agħti ċans lit-tfal jaħsbu sewwa u jgħidu l-waqtiet li huma jitolbu.
2. Spjega li ser jaraw vidjow qasir dwar tifel fejn ser jgħidilna meta huwa jitlob. Wara l-vidjow, erġa' staqsi lit-tfal meta jitlob it-tifel li raw fil-vidjow sabiex terġa' tfakkarhom il-waqtiet li nistgħu nitolbu u staqsihom ukoll jekk huma jagħmlux bħal dak it-tifel.




## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Wara staqsi lit-tfal:

- S'issa tkellimna dwar <u>meta</u> għandna nitolbu, tistgħu issa tgħiduli <u>kif</u> għandna nitolbu?
- Intom <u>kif</u> titolbu?



2. Agħti ċans lit-tfal jaħsbu u jgħidu kif huma jitolbu.
3. Spjega lit-tfal li ser tirrakkontalhom storja ta' meta Ġesú kien qed jgħallem lin-nies kif għandhom jitolbu. Uri l-PowerPoint u qalleb stampa stampa skont l-istorja.

*Slide 1 - Darba waħda Ġesú, waqt li kien qed ikellem lid-dixxipli tiegħu, qalilhom li ħafna nies kienu jitolbu fit-toroq jgħajtu sabiex nies oħra jarawhom jitolbu u jgħidu kemm huma nies twajba. Ġesú qalilhom li dawk in-nies ma kinux  jagħmlu sewwa għax meta nitolbu, għandna nitolbu fil-kwiet.*

*Slide 2 – Qalilhom ukoll li dawk in-nies li jitolbu qishom robot, jgħidu ħafna kliem tqil u jirrepetu ħafna, ma jkunux jafu x'qed jgħidu. Aħna għandna naħsbu waqt li qed nitolbu u nkunu nafu x'qed ngħidu lil Ġesú.*

*Slide 3 – Għalhekk Ġesú wrihom kif għandhom jitolbu. Huwa qal talba quddiemhom. Huwa qal 'grazzi' lil Alla u talbu biex jgħinu.Kif spiċċa t-talba qal 'Ammen'. Huwa spjega li anke huma hekk iridu jitolbu - jitolbu daqslikieku qed jitkellmu ma' Alla, minn qalbhom u miġbura fil-kwiet. Il-Mulej jisma' dak li nkunu qed ngħidulu.Jekk aħna nitolbu, il-Mulej iberikna.*

4. Wara l-istorja staqsi lit-tfal x'jiftakru mill-istorja. Tista' ssaqsi dawn il-mistoqsijiet:

- Kif iridna nitolbu Ġesu' – bħal robots jew minn qalbna?
- X'iridna ngħidulu waqt li nitolbu? (ngħidulu x'qed jinkwetana, x'nixtiequ, x'qed idejjaqna, għaliex aħna ferħanin, nitolbuh biex iberikna u ngħidulu grazzi talli nkunu ferħanin)
- Fi x'ħin għandna nitolbu? (kull ħin matul il-ġurnata – kif inqumu, qabel norqdu, qabel/wara nieklu, waqt li nkunu weħidna jew flimkien mal-familjari tagħna).

5. Bħala konklużjoni, it-tfal jistgħu jingħataw karta żgħira u fuqha jiktbu talba li jixtiequ huma u wara jaqrawha quddiem sħabhom. It-talb jistgħu jitwaħħlu fil-klassi ma' xi *display board*.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Għandna dejjem nitolbu daqslikieku qed jitkellmu ma' Alla, minn qalbhom u miġbura fil-kwiet.
2. Ġesù dejjem jisma' dak li nkunu qed nitolbuh.
3. Għandna nitolbu kull ħin matul il-ġurnata, weħidna jew mal-familjari tagħna.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

1. It-tfal jiftakru spiss fil-Mulej spiss matul il-ħin tal-ġurnata speċjalment qabel ma jibdew ix-xogħol tagħhom.
2. Japprezzaw kemm hi ħaġa sabiħa li jirringrazzjaw lill-Mulej qabel jibdew jieklu.
3. Japprezzaw kemm hi ħaġa sabiħa li jfaħħru lil All għall-ġid li jipprovdilhom.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Tista tindaqq il-poeżija 'Grazzi' bħala konklużjoni tal-lezzjoni sabiex it-tfal jirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li għandhom.

**http://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M**

**Nitolbu**

Għażiż Ġesù, għinni sabiex insib aktar ħin biex nitkellem miegħek sabiex naqsam il-ħsibijiet, il-bżgħat u l-ferħ tiegħi miegħek. Għinni sabiex nitlob minn qalbi u mhux bl-amment.

Ammen.